



Is-saħħa mentali fis-settur tal-kostruzzjoni: il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol

Sommarju

Awturi: Evelyn Donohoe, Francesco Camonita, Valentina Tageo — Wise Angle; Camille Guey, Ilana Zejerman, Laura Todaro — Ey; Lode Godderis, Anke Boone — KU Leuven.

Ġestjoni tal-proġett:

Nadia Vilahur — L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA).

Dan ir-rapport ġie kkummissjonat mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Il-kontenut tiegħu, inkluża kwalunkwe opinjoni u konklużjoni espressa, huwa dak tal-awturi biss u mhux neċessarjament jirrifletti l-fehmiet tal-EU-OSHA

La l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol u l-ebda persuna li taġixxi f'isem l-Aġenzija mhija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

© Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2024

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, dment li ssir referenza għas-sors.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jaqax taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, irid jinkiseb permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur. Tista' tkun meħtieġ li tikkjarifika drittijiet addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli jew jinkludi xogħlijiet ta' partijiet terzi.

Stampa ta' quddiem minn [Pawel Szymczuk](#) permezz ta' Pixabay.

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu)

FI-2023, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali appellat għal inizjattiva ewlenija dwar Postijiet tax-Xogħol li jippromwovu s-Saħħa madwar l-UE kollha dwar ir-riskji psikosoċjali u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, b'fokus speċifiku fuq setturi okkupazzjonali ġodda u dawk li jiġu injorati, inklużi l-agrikoltura u l-kostruzzjoni. B'rispons għal din is-sejħa, dan ir-rapport¹ jeżamina l-evidenza dwar fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati max-xogħol fis-settur tal-kostruzzjoni, l-impatt tagħhom fuq l-eżiti tas-saħħa mentali, u l-impatt pożittiv li l-organizzazzjonijiet jista' jkollhom fuq il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol biex itejbu l-benesseri mentali tal-ħaddiema.

Ir-riskji psikosoċjali huma influwenzati mill-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kulturi maskili “macho”

Ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol jinkludu interazzjonijiet u avvenimenti speċifiċi li jirriżultaw minn każijiet ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena relatati mat-tfassil, l-organizzazzjoni jew l-immaniġġjar tax-xogħol u mal-kuntest soċjali fuq il-post tax-xogħol (Cox & Griffiths, 1995). Aktar minn 50 % tal-ħaddiema Ewropej jemmnu li l-istress huwa komuni fuq il-post tax-xogħol tagħhom u li l-impatt tad-disturbi tas-saħħa mentali relatati max-xogħol fuq in-nies, l-organizzazzjonijiet u l-ekonomiji qed jiżdied (EU-OSHA, 2013).

Is-settur tal-kostruzzjoni jimpjega madwar 18-il miljun persuna fl-UE, u l-impjeggi huma fiżikament u mentalment eżiġenti irrispettivament mil-livell ta' ħiliet. Tabilħaqq, 46 % tal-ħaddiema fil-qasam tal-kostruzzjoni tal-UE huma esposti għal pressjoni tal-ħin qawwija u għal xogħol eċċessiv (EU-OSHA, 2022b). Barra minn hekk, ir-rappreżentanza tal-SMEs fis-settur hija għolja, b'95 % tal-kumpaniji li jimpjegaw inqas minn 20 ħaddiem (KESE, 2022). Għaldaqstant, ir-restrizzjonijiet organizzattivi jistgħu jinibixxu l-isforzi għall-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali għas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH) u għall-protezzjoni tal-benesseri mentali tal-ħaddiema.

L-esponiment frekwenti għall-ħmieġ, għat-trab, għall-istorbju jew għall-vibrazzjoni huwa n-norma fuq il-post tax-xogħol fix-xogħol tal-kostruzzjoni, u r-riskju ta' inċidenti mhux fatali fuq il-post tax-xogħol huwa għoli. Il-kompiti ta' kostruzzjoni jinvolvu sett multidimensjonali ta' eżiġenzi, inklużi rekwiżiti perċettwali, psikomotorji, soċjali u konjittivi. Dawn l-eżiġenzi jeħtieġu l-attenzjoni sħiħa tal-ħaddiema u jistgħu, f'xi każijiet, jaġixxu bħala fatturi ta' stress addizzjonali. In-natura ta' riskju għoli tax-xogħol tal-kostruzzjoni tħalli impatt sinifikanti fuq is-saħħa mentali tal-ħaddiema, għalkemm dan huwa meqjus mir-rappreżentanti tas-settur li għandu jiġi minimizzat mill-forza tax-xogħol tal-kostruzzjoni. It-tnaqqis tal-importanza tar-riskji inerenti fix-xogħol tal-kostruzzjoni jista' jkun marbut ma' forza tax-xogħol li hija aktar minn 90 % ta' rġiel u kkaratterizzata bħala li tradizzjonalment għandhom il-kultura macho (Eurostat, 2022). Din il-kultura tista' toħloq perikli għas-saħħa minħabba attitudnijiet stigmatizzati lejn problemi ta' saħħa mentali u mġiba ta' tiftix għall-għajnuna, aspettattivi dwar reżistenza fiżika u psikoloġika, u l-aċċettazzjoni ta' mekkaniżmi ta' kif wieħed ikampa li jinvolvu mġiba detrimentali bħall-użu ħażin ta' sustanzi. B'mod ġenerali, is-settur tal-kostruzzjoni juri sensitività aktar baxxa għal problemi ta' saħħa mentali meta mqabbel ma' setturi ekonomiċi oħra, b'71 % tal-kumpaniji tal-kostruzzjoni joqogħdu lura milli jiddiskutu b'mod miftuħ problemi psikosoċjali (EU-OSHA, 2022c). Din l-evidenza tissuġġerixxi li s-saħħa mentali hija tabù fis-settur u tenfasizza l-problemi inkorporati li jeħtieġ li jiġu indirizzati biex jinħolqu kundizzjonijiet tax-xogħol psikoloġikament siguri għall-ħaddiema tal-kostruzzjoni.

Karatteristiċi uniċi u riskji psikosoċjali oħra li jiddefinixxu s-settur huma l-użu komuni ta' prattiki ta' sottokuntrattar, il-prevalenza tal-postijiet tax-xogħol temporanji, l-esponiment għal kundizzjonijiet ħżiena tat-temp ħafna drabi fuq barra, l-isfidi tal-ivvjaġġar u n-natura ta' attivitajiet ta' kostruzzjoni bbażati fuq proġett. Barra minn hekk, l-użu ta' ħaddiema b'ħiliet manwali huwa għoli f'dan is-settur. Xogħol bħal dan huwa assoċjat ma' movimenti u kompiti monotoni u eżiġenzi domandi konjittivi minħabba strapazz fiżiku.

Riskji psikosoċjali oħra prevalenti fis-settur jinkludu eżiġenzi fiżiċi u psikoloġiċi għoljin; ammont ta' xogħol u pressjonijiet tal-ħin; kunflitt tar-rwol; nuqqas ta' awtonomija u kontroll tal-impjeggi; nuqqas ta' superviżjoni, appoġġ u rikonoxximent; nuqqas ta' teħid ta' deċiżjonijiet parteċipattiv; u bullying fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, sigħat tax-xogħol twal, bidliet imprevedibbli fix-xift, ritmu tax-xogħol għoli u intensità tax-xogħol, u ftit awtonomija tax-xogħol, kontroll u diversità tal-kompiti huma problemi

¹ Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/mental-health-construction-sector-preventing-and-managing-psychosocial-risks-workplace>

sinifikanti li jħallu impatt fuq is-sodisfazzjon tax-xogħol u jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa mentali tal-ħaddiema tal-kostruzzjoni. Ir-riskju li jsufri problemi ta' saħħa mentali huwa amplifikat meta l-ħaddiema jkunu meħtieġa jimmaniġġjaw operazzjonijiet multipli b'miri mhux realistiki. Dawn il-fatturi kollha huma fatturi ta' stress sinifikanti derivati mill-kuntest li huma komuni f'attivitajiet ta' kostruzzjoni li jistgħu jikkawżaw li l-ħaddiema jesperjenzaw sentimenti ta' rabja u irritazzjoni u jwasslu għal għeja, eżawriment professjonali, stress u dipressjoni.

Is-siti tax-xogħol temporanji, il-prattiki ta' ġestjoni u dawk organizzattivi għandhom impatt fuq id-dinamika u s-sentimenti tal-iżolament fuq il-post tax-xogħol

In-nuqqas ta' post tax-xogħol fiss jista' jwassal għal sentimenti ta' nuqqas ta' għeruq, iżolament u solitudni, u perċezzjoni aktar baxxa ta' appoġġ fuq il-post tax-xogħol. L-iżolament soċjali huwa fattur ta' stress primarju għas-saħħa mentali fis-settur (CIOB, 2020). Barra minn hekk, it-tibdil fil-lokazzjoni tax-xogħol jinfluwenza l-ħinijiet tal-ivvjaġġar, li jħalli impatt fuq il-ħin ta' mistrieħ u ta' divertiment tal-ħaddiema u l-bilanċ ġenerali tagħhom bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Fi ħdan il-post tax-xogħol, ir-relazzjonijiet u l-livelli ta' stress huma affettwati minn bidliet fil-persunal, il-preżenza ta' ħaddiema temporanji u r-rati tad-dawran. Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jrawmu l-kunflitt u l-ambigwiżà tar-rwol fi ħdan it-timijiet u jinfluwenzaw b'mod negattiv il-moral, il-kollaborazzjoni, ix-xogħol f'tim, u l-perċezzjonijiet tal-appoġġ kolleġġjali u superviżorju tal-ħaddiema. Barra minn hekk, il-problemi ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari dawk assoċjati mal-ostakli lingwistiċi, huma fatturi ta' stress sinifikanti li għandhom impatt fuq l-interazzjonijiet interpersonali, is-sentimenti ta' sigurtà u l-prattiki organizzattivi tal-OSH. Tabilħaqq, in-nuqqas ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni fil-kumpaniji tal-kostruzzjoni jirrappreżenta wieħed mit-tliet fatturi ta' riskju psikosoċjali ewlenin għall-forza tax-xogħol Ewropea tal-kostruzzjoni (EU-OSHA, 2022b).

L-aċċessibbiltà tal-koordinaturi u l-mexxejja, il-bidliet operattivi u ta' ġestjoni, it-tfikkil fil-katina tal-provvista, l-inċertezzi fil-portafoll tax-xogħol, u l-appoġġ strumentali u emozzjonali baxx huma sorsi oħra ta' diffikultà mentali li jikkontribwixxu għal livelli ta' kunflitt, ammont ta' xogħol u pressjonijiet tal-pass tax-xogħol, u sentimenti ta' awtonomija baxxa u kontroll tax-xogħol. Ir-riskji għas-saħħa assoċjati ma' dawn il-fatturi kollha huma aggravati minn ġestjoni ħażina u riżorsi organizzattivi u nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-ħaddiema. Barra minn hekk, l-esponiment għar-riskji psikosoċjali jiżdied b'mod invers skont id-daqs tal-kumpanija; il-ħaddiema f'kumpaniji iżgħar huma aktar suxxettibbli li jsufri fatturi ta' stress. L-abbiltà u l-kapaċità tal-SMEs li jiżguraw is-sigurtà psikosoċjali jistgħu jiġu kompromessi minn restrizzjonijiet ta' riżorsi (eż. ħin, riżorsi finanzjarji u umani). Tħassib addizzjonali huwa n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet xierqa u speċifiċi tal-OSH rigward it-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali u l-protezzjoni tas-saħħa mentali fil-kriterji tal-offerti għall-akkwisti fil-kostruzzjoni, u l-grad limitat ta' aderenza ma' u infurzar tal-prattiki tal-OSH matul it-tweġġ tal-proġett.

In-nuqqas ta' sigurtà finanzjarja u fl-impjiegi huwa fattur kritiku ta' riskju psikosoċjali

Is-settur huwa partikolarment vulnerabbli għal reċessjoni ekonomika, bidliet ġeopolitiċi u kundizzjonijiet makroekonomiċi. Għaldaqstant, is-sentimenti ta' nuqqas ta' sigurtà u inċertezza huma interkonnessi ma' fatturi usa' tas-suq, politiċi u soċjoekonomiċi. Barra minn hekk, arranġamenti tax-xogħol prekarji u Prattiki ta' sottokuntrattar (komuni fis-settur), xogħol mhux iddikjarat, paga baxxa u pagamenti tard jikkawżaw sentimenti ta' nuqqas ta' sigurtà finanzjarja u fl-impjiegi. Ħaddiema b'ħiliet baxxi u bi status soċjoekonomiku aktar baxx u migranti huma f'riskju oġġla ta' esponiment għal dawn il-fatturi ta' stress. Il-pagamenti min-negożju għan-negożju u l-pressjonijiet tal-kostijiet (eż. materjali) jistgħu jkunu fatturi ta' stress għas-sidien tan-negożju, peress li l-pagamenti mdewma u l-inflazzjoni jħallu impatt fuq l-iżvilupp u l-vijabbiltà tan-negożju, kif ukoll il-pagamenti tas-salarji. Dawn il-fatturi kollha jwasslu għal stress okkupazzjonali u jikkontribwixxu għall-ansjetà, għall-istress finanzjarju, għall-instabbiltà, għall-inċertezza u, f'xi każijiet, għall-eżawriment professjonali.

It-tibdil fil-klima, l-innovazzjoni teknoloġika u t-tranżizzjoni ekoloġika joħolqu eżiġenzi ġodda għall-ħaddiema

L-użu dejjem jikber ta' teknoloġiji diġitali ġodda, li huma marbuta mal-effiċjenzi tax-xogħol u t-tranżizzjoni ekoloġika, jirrikjedi ħaddiema b'ħiliet avvanzati u speċjalizzati. Filwaqt li għadd kbir ta' benefiċċji huma assoċjati ma' dawn it-teknoloġiji, il-fatturi ta' stress jiffaċċaw fl-areni tal-iżvilupp professjonali kontinwu, is-sorveljanza fuq il-post tax-xogħol, il-ħiliet ġenerali tas-saħħa u s-sigurtà għal għodod u magni ġodda, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-awtonomija tal-impjiegi u t-tagħbija konjittiva eċċessiva. Jeżistu

każijiet fejn id-diġitalizzazzjoni kkawżat rispons ta' stress klassiku, mard muskuloskeletal, għeja diġitali, eżawriment professjonali u "teknostress" (EU-OSHA, 2021). It-tħassib dwar l-aljenazzjoni u l-iżolament u l-ħiliet insuffiċjenti ta' ġestjoni u tmexxija biex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali huma fatturi oħra ta' stress psikosoċjali rilevanti għas-settur tal-kostruzzjoni.

Il-ħaddiema tal-kostruzzjoni spiss jaħdmu barra u għalhekk huma esposti u vulnerabbli għall-aġġar effetti tat-tibdil fil-klima, fil-biċċa l-kbira assoċjati ma' esponiment fit-tul għall-mewġ ta' sħana u estremi oħra tat-temp. Ir-riċerka dwar ir-rabta bejn it-tibdil fil-klima u s-saħħa mentali tal-ħaddiema tal-kostruzzjoni hija skarsa iżda qed tiżdied gradwalment. Dak li huwa magħruf huwa li x-xogħol f'kundizzjonijiet ta' sħana estremi jżid l-inċidenza ta' puplesija tas-sħana u fatalitajiet fost il-ħaddiema tal-kostruzzjoni u jikkontribwixxi għall-ansjetà u d-dipressjoni, għeja fiżika, stress psikoloġiku, alluċinazzjonijiet, ġudizzju indebolit u nuqqas ta' koordinazzjoni mentali (Xiang *et al.*, 2014; Karthick *et al.*, 2023). Barra minn hekk, it-tibdil fil-klima u l-kundizzjonijiet tat-temp iwasslu għal interruzzjonijiet u dewmien fix-xogħol, żieda fl-ammont ta' xogħol u pressjonijiet tal-pass tax-xogħol, li jaffettwaw l-aderenza għall-istandards tal-OSH.

Sess, età, nazzjonalità, esperjenza tax-xogħol u status professjonali marbuta ma' esponiment oġġa għar-riskju

Il-livell ta' edukazzjoni u esperjenza, ir-relazzjonijiet jew l-istatus ta' familja, u l-istatus ta' persuni li jindukraw huma fatturi soċjali komuni li jżidu l-esponiment għar-riskji psikosoċjali fis-settur tal-kostruzzjoni. Il-gruppi ta' ħaddiema vulnerabbli fis-settur jinkludu l-migranti, individwi LGBTQ+, ħaddiema b'ħiliet baxxi u żgħażaġh, nisa u dawk li jaħdmu għal rashom. Il-fastidju bbażat fuq il-ġeneru, l-etaiżmu, ir-rażziżmu u d-diskriminazzjoni jikkarakterizzaw l-esperjenzi tal-ħaddiema migranti, in-nisa u l-individwi LGBTQ+ fis-settur. L-impjeg tan-nisa u tal-persuni LGBTQ+ huwa baxx, filwaqt li l-ħaddiema migranti huma, għall-kuntrarju, irrappreżentati żżejjed fis-settur (il-Kummissjoni Ewropea [KE], 2022).

Ir-riskji speċifiċi għall-ħaddiema migranti jinkludu ostakli lingwistiċi (kemm bil-miktub kif ukoll verbali), kundizzjonijiet tas-saħħa mentali preeżistenti (eż. disturb minn stress postrawmatiku (PTSD)), l-allokazzjoni ta' kompiti tax-xogħol mhux pjaċevoli, is-separazzjoni tal-familja, u d-disponibbiltà limitata ta' taħriġ u informazzjoni aċċessibbli dwar l-OSH. Il-ħaddiema stazzjonati, sottogrupp ta' migranti, jesperjenzaw riskji simili, u dan is-sottogrupp ta' ħaddiema migranti enfażizza x-xogħol mill-bogħod estiż u l-konformità mad-Direttiva dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema bħala fatturi ta' stress addizzjonali.

In-nisa jikkostitwixxu biss 10 % tal-forza tax-xogħol tal-kostruzzjoni (Eurostat, 2022) u r-riskji speċifiċi għan-nisa fil-kostruzzjoni huma assoċjati ma' tagħmir protettiv personali mfassal skont l-istandards antropometriċi maskili, l-aċċessibbiltà għall-faċilitajiet tal-iġjene, u d-diskriminazzjoni u l-fastidju abbażi tal-ġeneru. Konsegwentement, in-nisa fil-kostruzzjoni għandhom riskju oġġa li jesperjenzaw tbatija psikoloġika, ansjetà, ħtija, marġinalizzazzjoni u esklużjoni. Il-viżibbiltà tal-membri tal-komunità tal-LGBTQ+ hija ugwalment baxxa u tista' tkun assoċjata mal-kultura macho prevalenti fis-settur. Ir-riċerka turi li b'reazzjoni għall-bullying, id-diskriminazzjoni u l-fastidju, individwi LGBTQ+ jinkorporaw karatteristiċi maskili bħala mekkaniżmu ta' difiża (Wright, 2013). L-impatt ta' strateġiji ta' adattament bħal dawn fuq is-saħħa mentali ta' dan il-grupp jeħtieġ aktar riċerka u investigazzjoni.

Il-vulnerabbiltà tal-ħaddiema żgħażaġh fil-kostruzzjoni hija assoċjata ma' nuqqas ta' esperjenza ta' xogħol, li hija korrelatata ma' livelli ta' fiduċja u mekkaniżmi ta' kif wieħed ikampa aħjar fir-rigward ta' fatturi ta' stress organizzattivi bħall-bullying. Ir-riskju ta' ħaddiema iżgħar fl-età li jesperjenzaw aċċident fuq il-post tax-xogħol u perikli oħra jista' jkun marbut ukoll ma' nuqqas ta' awtostima biex jikkontestaw prattiki tax-xogħol ħżiena tal-OSH. L-età avvanzata hija ġeneralment fattur protettiv kontra l-istress psikosoċjali. Madankollu, il-bidliet fiżjoloġiċi mit-tixjiħ jistgħu jżidu r-riskju ta' korrimenti relatati max-xogħol, filwaqt li d-diskrezzjoni tal-ħiliet u l-perċezzjonijiet tal-monotonija tal-impjegi jistgħu jiżiedu mal-età u l-esperjenza u jittqiesu bħala fatturi ta' stress sinifikanti għall-ħaddiema akbar fl-età.

Fl-aħħar nett, l-istatus professjonali huwa assoċjat ukoll ma' riskji uniċi. Pereżempju, il-ħaddiema tal-kostruzzjoni li jaħdmu għal rashom huma aktar esposti għal nuqqas ekonomiku u ta' sigurtà fl-impjeg u, sigħat twal u ammont kbir ta' xogħol. B'paragun ma' dan, il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet huma aktar suxxettibbli li jsufri vjolenza psikoloġika mill-impjegaturi u b'hekk għandhom aktar ansjetà dwar kunflitti fuq il-post tax-xogħol (Kozlova & Lakisa, 2016). Is-saħħa mentali tal-maniġers u ta' ħaddiema oħra b'livell għoli ta' ħiliet, meta mqabbla ma' dik tal-kollegi tagħhom b'ħiliet aktar baxxi, hija affettwata mis-

sejthiet għall-offerti tal-proġetti, mill-prattiki ta' sottokuntrattar u mill-frammentazzjoni strutturali tas-settur. Sadanittant, ir-riskji assoċjati mas-sjieda tal-SMEs jinkludu sentimenti ta' responsabbiltà għall-ħaddiema tagħhom, pagamenti tard u pressjonijiet tal-kostijiet li għandhom impatt fuq il-vijabbiltà tan-negozju.

Is-saħħa mentali tal-ħaddiema u l-benesseri organizzattiv jiddependu ħafna fuq kundizzjonijiet tax-xogħol psikosoċjalment siguri

Meta esposti għal riskji psikosoċjali multipli, il-ħaddiema huma suxxettibbli li jesperjenzaw stress, ansjetà, u għeja fiżika u mentali. Il-konċentrazzjoni, id-distrazzjoni u l-imġiba ta' teħid tar-riskji huma kkawżati minn fatturi ta' riskji psikosoċjali li jinfluwenzaw l-aktar sintomi emozzjonali u konjittivi tas-saħħa mentali. Meta jħossuhom mgħarrqin, mhux kunfidenti, waħidhom u taħt pressjoni jaf ikollhom ħsibijiet ta' awtoħsara, disturbi fl-irqad, sentimenti ta' rabja u irritabbiltà. Dan ir-rispons emozzjonali huwa assoċjat ma' pressjonijiet fuq l-ammont ta' xogħol, il-pass tax-xogħol, il-kontroll tal-impjegi, eżiġenzi emozzjonali u l-appoġġ fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, il-pressjoni kbira ta' ħin u l-esponiment għall-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol huma marbuta b'mod ċar mal-okkorrenza ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol.

Id-dipressjoni u l-eżawriment professjonali huma fost l-eżiti avversi l-aktar prevalenti tas-saħħa mentali u huma assoċjati ma' kontroll u sigurtà baxxi tal-impjegi, ftit jew l-ebda appoġġ mill-maniġment, u kunflitt bejn ir-rwoli. Il-ħaddiema tal-kostruzzjoni bbażati fl-uffiċċju u l-professionisti bbażati fuq il-post b'livell ogħla ta' ħiliet huma aktar probabbli li jesperjenzaw dipressjoni u eżawriment professjonali mill-ħaddiema fuq il-post (Tijani *et al.*, 2020b). Ħarġet sejba interessanti li x-xogħol mill-bogħod jidher li jipproteġi kontra l-eżawriment professjonali, li huwa ogħla fost il-ħaddiema tal-uffiċċju milli fost it-teleħaddiema. Il-PTSD huwa wkoll aktar prevalenti fis-settur tal-kostruzzjoni meta mqabbel ma' setturi oħra ta' attività (Chan *et al.*, 2020; Londra *et al.*, 2022). B'mod inkwetanti, dan l-eżitu jista' jkun moħbi f'ambjenti ta' kostruzzjoni b'riskju għoli fejn taħt l-OSH ma jiġux indirizzati b'mod adegwat il-kundizzjonijiet tax-xogħol perikolużi, inkluża l-preżenza ta' fatturi ta' riskju psikosoċjali. L-użu ħażin u l-abbuż tas-sustanza huma eżiti ta' mġiba assoċjati ma' tfassil ħażin ta' kompiti, kundizzjonijiet tax-xogħol, normi kulturali organizzattivi u appoġġ soċjali inadegwat.

L-ċifri ġenerali tal-UE dwar is-suwiċidju mhumex disponibbli, iżda studji mill-pajjiżi ta' Anglo-Sassoni jissuġġerixxu li l-irġiel li jaħdmu fil-kostruzzjoni huma tliet darbiet aktar probabbli li jmutu b'suwiċidju mill-medja nazzjonali tal-irġiel (ONS, 2019). L-istudji mill-Awstralja juru wkoll li r-rati ta' suwiċidju huma ogħla fost il-ħaddiema rġiel tal-kostruzzjoni milli fost il-popolazzjoni ġenerali (Maheen *et al.*, 2022). Suwiċidju, ħsibijiet ta' suwiċidju u ideazzjoni tas-suwiċidju huma fil-biċċa l-kbira assoċjati mal-esponiment għall-imġiba ta' suwiċidju tal-kollegi u l-pari, kif ukoll man-nuqqas ta' sigurtà fl-impjegi, perjodi twal ta' diffikultajiet finanzjarji u qgħad tranżitorju (Ross *et al.*, 2022; Chan *et al.*, 2020). L-inizjattivi għall-prevenzjoni tas-suwiċidju speċifiċi għas-settur, bħall-programm Mates in Construction tal-Awstralja, urew impatt pożittiv fuq ir-rati tas-suwiċidju, u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi simili hija mħeġġa bil-qawwa (Maheen *et al.*, 2022).

Eżiti ħżiena tas-saħħa mentali għandhom impatt sinifikanti fuq il-produttività tan-negozju b'dawran ogħla tal-ħaddiema u eżawriment professjonali fuq il-post tax-xogħol. L-assenteiżmu u l-preżenteiżmu huma eżiti negattivi li ilhom magħrufa għal organizzazzjonijiet marbuta ma' kulturi tossiċi, fiduċja baxxa organizzattiva, awtonomija tax-xogħol u kundizzjonijiet ergonomiċi avversi. Dawn il-fatturi jikkontribwixxu għall-produttività u l-benesseri tal-ħaddiema u għandhom impatt fuq l-involvement tax-xogħol u l-livelli ta' sodisfazzjon. Bl-istess mod, l-assenteiżmu tal-ħaddiema u r-rati ta' dawran u s-sodisfazzjon fuq il-post tax-xogħol jaffettwaw il-livelli ta' produttività, il-marġnijiet ta' dħul u ta' profitt tal-organizzazzjonijiet (CIF Ireland, 2020). Barra minn hekk, fatturi ta' stress psikosoċjali relatati max-xogħol u l-konsegwenzi tas-saħħa mentali tagħhom, inkluż is-suwiċidju jħallu impatt fuq l-attraenza tas-settur, problema kritika għal settur li jiffaċċja nuqqas ta' ħaddiema u jippreżentaw sfidi biex jiġu attirati u jinżammu l-ħaddiema f'kuntest ta' tnaqqis demografiku kontinwu.

L-indirizzar tad-determinanti organizzattivi biex tiġi protetta s-saħħa mentali tal-ħaddiema

L-aħjar Prattiki li jipprevjenu eżiti ħżiena tas-saħħa mentali fis-settur huma dawk li jinkorporaw interventi olistiċi li jikkombinaw elementi individwali u ffokati fuq l-organizzazzjoni. Dawn l-interventi jżidu l-għarfien dwar is-saħħa mentali fl-organizzazzjonijiet, li simultanjament inaqqas l-istigma relatata mas-saħħa mentali. Dawn jistgħu jipprovdu lill-individwi b'għodod biex jivvalutaw ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-

xogħol u jipproteġu l-benesseri tagħhom u tal-kollegi tagħhom. Tali inizjattivi jinkludu taħriġ u intervent fil-qasam tas-saħħa mentali (eż. Constructiv), id-disponibbiltà ta' persunal li jipprovdi l-ewwel għajna fis-saħħa mentali fil-kumpaniji (eż. The Lighthouse Construction Charity, MENTUPP), u settijiet ta' għodod li jappoġġaw lill-ħaddiema biex jidentifikaw u jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol (eż. Fundación Laboral de la Construcción; Prevent).

L-isforzi olistiċi jinvolvu wkoll ħidma li tindirizza d-determinanti organizzattivi tas-saħħa mentali (eż. L-ammont ta' xogħol, il-pressjonijiet tal-ħin, il-komunikazzjoni interpersonali), li l-pubblikazzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati tas-settur jirrakkomandaw bis-sħiħ.

L-inizjattivi mmirati lejn id-determinanti organizzattivi tas-saħħa mentali jinkludu l-eliminazzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji u l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol protetti u arranġamenti tax-xogħol flessibbli (eż. Malareforbundet, PORR, EFBWW). Programmi ta' appoġġ finanzjarju ta' emerġenza (eż. PORR) u postijiet tax-xogħol u pajjiżi li jipprovdu ambjenti tax-xogħol inklużivi (eż. Malareforbundet, CTSP, Women in Construction) huma inizjattivi kollettivi b'saħħithom li jtaffu l-impatt tar-riskji psikosoċjali fuq il-benesseri tal-ħaddiema. Barra minn hekk, il-gwida ta' implimentazzjoni prodotta mis-sħab soċjali settorjali tal-UE għall-valutazzjoni, għall-ġestjoni u għat-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali organizzattivi fil-kostruzzjoni se tibgħat messaġġ qawwi lill-ħaddiema li l-kumpaniji jqisu l-benesseri mentali tagħhom bħala importanti daqs il-benesseri fiżiku tagħhom.

L-interventi fuq il-post tax-xogħol jeħtieġ li jmorru lil hinn mill-individwu. Ir-riċerka turi li l-approċċi organizzattivi għandhom impatt pożittiv fuq l-imġiba li tippromwovi s-saħħa u l-ambjenti tax-xogħol (Grill *et al.*, 2017). Il-kundizzjonijiet kuntrattwali, l-awtonomija u l-kontroll tax-xogħol, ir-rieżamijiet regolari tal-ammont ta' xogħol, l-istili ta' ġestjoni u l-approċċi diversi għall-eżekuzzjoni tal-kompiti jistgħu jiġġieldu r-riskji organizzattivi psikosoċjali. Sadanittant, l-isforzi biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-impjeggi billi jiġu offruti opportunitajiet ta' żvilupp tal-karriera, it-titjib tas-salarji u t-tiżi tal-istatus professjonali se jżidu l-involvement u s-sodisfazzjon tal-impjeggi u b'hekk iżidu l-livelli ta' produttività.

Aktar riċerka u gwida

Abbażi tas-sejbiet ġenerali tal-istudju, f'dan l-istudju ħarġu sensiela ta' tagħlimiet meħuda għar-riċerkaturi, għall-organizzazzjonijiet u għal dawk li jfasslu l-politika. Dawn jinkludu:

- Id-diversifikazzjoni tal-metodi ta' riċerka u tneħħija tal-lakuni fir-riċerka, b'mod partikolari dawk relatati ma' LGBTQ+, in-nisa, id-diġitalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima u s-suwiċidju.
- L-implimentazzjoni ta' approċċi mħallta, parteċipatorji, (individwali u organizzattivi li għandhom fil-mira d-determinanti organizzattivi tas-saħħa mentali. L-approċċi għandhom jimmiraw lejn bidla organizzattiva, jimpenjaw li jivvalutaw u jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol fuq l-istess livell mal-perikli fiżiċi għas-saħħa, u jippromwovu saħħa mentali pożittiva fuq il-post tax-xogħol.
- Interventi speċifiċi fil-qasam tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol li jiffaċilitaw is-servizzi ta' intervent u ta' trattament li jiżguraw kunfidenzjalità, rieżami regolari tal-ammont ta' xogħol u forniment ta' arranġamenti ta' xogħol flessibbli. Huwa ssuġġerit ukoll li jiġu pprovduti servizzi ta' ritorn għax-xogħol, li huma kritiċi għall-irkupru wara episodju ta' mard mentali.
- L-inkorporazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-OSH, inklużi dawk relatati mar-riskji psikosoċjali u s-saħħa mentali, fil-kriterji tal-offerti u l-prattiki tal-katina tal-provvista, l-assistenza lin-negozji tal-kostruzzjoni b'riżorsi limitati biex jindirizzaw is-saħħa mentali, u l-iżgurar li l-persunal tal-ispettorat tax-xogħol ikun imħarreġ u kkwalifikat biżżejjed biex jiżgura l-implimentazzjoni nazzjonali tal-OSH.
- L-iżgurar li l-ftehimiet settorjali kollettivi jadottaw perspettiva ta' saħħa fil-politiki kollha, inkluża s-saħħa mentali u l-kunsiderazzjoni tal-interazzjoni bejn il-kundizzjonijiet fiżiċi u r-riskji psikosoċjali. Din il-perspettiva għandha ssir in-norma fil-forums ta' diskussjoni, id-djalogi soċjali, u fit-fassil tal-politika u l-inizjattivi leġiżlattivi biex jittejjeb il-benesseri mentali fis-settur. L-inklużjoni tal-ħtiġijiet tan-nisa u tal-gruppi minoritarji f'dawn id-diskussjonijiet hija meħtieġa ħafna.

- L-għoti ta' assistenza lill-kumpaniji tal-kostruzzjoni li għandhom riżorsi aktar limitati u lil dawk li jaħdmu għal rashom biex jindirizzaw riskji psikosoċjali u jissalvagwardjaw is-saħħa mentali.
- L-għoti ta' appoġġ u l-promozzjoni tar-riżorsi tas-saħħa mentali tal-komunità għal titjib tal-aċċessibbiltà għas-servizzi speċjalizzati.
- L-għoti ta' inkoraġġiment għal kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet nazzjonali tal-OSH madwar l-UE biex jipprovdu gwida mfassla apposta għall-varjetà ta' professjonijiet u ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni.

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa
fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)** tikkontribwixxi

biex tagħmel lill-Ewropa post tax-xogħol aktar sigur, aktar ħieles mill-periklu u aktar produttiv. L-Aġenzija twettaq riċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, bilanċjata u imparzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà u torganizza kampanji pan-Ewropej ta' sensibilizzazzjoni. Stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, kif ukoll l-esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE u lil hinn minnhom.

**L-Aġenzija Ewropea
għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol**

Santiago de Compostela 12,
48003 Bilbao, Spanja

Email: information@osha.europa.eu
<https://osha.europa.eu>